# MONTECATINI

*Ta'* A. Cremona

*Lil ħabibi Toni Buttigieg li flimkien miegħu għaddejt xi ġranet tas-sajf f'Montecatini.*

Taħt xemx sajfija fl-isbaħ saltna tagħha,
ġenna ċkejkna ta' l-art — għajjien mid-dwejjaq
tal-ġisem u tar-ruħ — bl-ilma tas-saħħa
għandek jien ġejt il-lum sabiex nitrejjaq.

Fik donnha twieldet in-Natura u magħha
Int bqajt imgħannqa sabiex b'ġidek tfejjaq
hawnhekk il-qalb marida, hawn fejn tilqagħha
sodda ta' ħdura u jmut il-ħsieb imdejjaq.

Hawn jien fil-mogħdijiet bil-ward imżejna
u bis-siġar li jimxu dejjem miegħi
fik xrobt il-ħajja ġdida mill-egħwejna.

Hawn jien inħares lejn il-wilġa u t-tliegħi
jħaddru sfiq inħoss jien fik li bejnna
hemm xi Rabta moħbija qalb il-friegħi.

Montecatini,
30. vii. 1949.